**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira**

**Laqgħa Numru 8** **Nhar l- Erbgha 22 ta ' Jannar, 2025**

Il-Kunsill Lokali tal-Gżira ltaqa' fil-boardroom tal-Kunsill Lokali fil-5:00pm.

**Preżenti:**

- **Neville Chetcuti** – Sindku
- **Joyce Bray** – Kunsilliera
- **Martin Vella** – Kunsillier
- **Ralph Mangion** – Viċi Sindku
- **Tania Borg** – Kunsilliera
- **Aaron Caruana** – Kunsillier
- **Jessica Borg** – Kunsilliera
- **Conrad Borg Manche** – Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A(3)):**

- **Ryan Sciberras** – Kunsillier

**Assenti:**

Ħadd

**Uffiċjali Preżenti:**

**Mandy** Farrugia **– Segretarju Eżekuttiv**

**ASSENTI**

**Ħadd**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

**8.1. Preżenza**

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti l-Kunsilliera eletti:

- Neville Chetcuti, Ralph Mangion, Joyce Bray, Martin Vella, Conrad Borg Manche, Tania Borg, Aaron Caruana, Jessica Borg

**8.2. Qari tal-Ittri ta’ Apoloġiji**

8.2.1 Il-laqgħa bdiet fil-ħamsa ta’ filgħaxija u nfetħet bi talba mis-Sindku Neville Chetcuti.
8.2.2 Is-Sa. Mandy Farrugia, Segretarju Eżekuttiv, ikkonfermat li waslet ittra ta' apoloġija mingħand kunsillier assenti. **8.3. Approvazzjoni tal-Minuti Preċedenti**

8.3.1 Il-minuti tal-laqgħa preċedenti kienu mqassma lill-membri u ttieħdu bħala moqrija.

8.3.2 **Regward minuta 7.3.1** – Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill għamel kuntatt mal-BCRS, li kkonfermaw li ser tintbagħat ittra lil Transport Malta biex tħaffef il-proċess tat-twaqqif ta' bins ġodda għall-iskema tal-irdoppjar tar-riċiklaġġ.

8.3.3 **Regward minuta 7.3.3** – X-xogħol fuq il-playing field diġà beda, iżda għad fadal aktar xogħol x’isir, inkluż it-tisbiħ u l-installazzjoni ta' bandla ġdida.

8.3.4 **Regward minuta 7.3.4** – Il-Kunsilliera Tania Borg staqsiet dwar l-aħħar żviluppi dwar oġġezzjoni li l-Kunsill bagħat rigward żvilupp propost. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kienet intbagħtet oġġezzjoni formali lill-awtorità kompetenti.

8.3.5 Fuq proposta tal-Kunsilliera Tania Borg, sekondata minn Kunsillier Aaron Caruana, il-minuti tal-laqgħa numru 7 ġew approvati.

**8.4. Korrespondenza mis-Sindku**

**8.4.1 Project Green - Triq il-Kubrit**

Se ssir laqgħa bejn il-Kunsill, il-Perit tal-Kunsill, u rappreżentanti ta' Project Green biex jiġi diskuss il-way forward ta’ dan il-proġett. Ġie ssuġġerit li parti mit-triq tinbidel fiddirezzjoni tagħha biex ittejjeb it-traffiku.

**8.4.2 Manoel De Vilhena**

Il-proġett tal-Framework għadda l-approvazzjoni, u x-xogħol se jibda dalwaqt. Il-Kunsill
iltaqa’ mal-kuntrattur u l-periti ta' Infrastructure Malta biex jiġi assigurat li limplimentazzjoni tal-proġett tkun effiċjenti.

### 8.4.3 Tombla fil-Ġnien

Il-Kunsill irċieva talba biex tibda ssir tombla fil-ġnien pubbliku kull nhar ta’ Ġimgħa u Ħadd matul ix-xhur tas-sajf. Il-Kunsill iddiskuta l-impatt fuq ir-residenti u s-sigurtà talattività u approva t-talba b’mod unanimu.

### 8.4.4 Restituzzjoni ta’ Parti tal-Ġnien

Il-Kunsillier Conrad Borg Manche ssuġġerixxa li l-Kunsill jibgħat ittra lill-Ministru biex titlob li parti tal-ġnien, li kienet meħuda mill-Kunsill għal żvilupp temporanju, terġa’ tiġi devoluta lill-Kunsill biex jitkompla x-xogħol ta’ manutenzjoni u titjib fil-ġnien, inkluż ilħolqien ta' spazji rikreattivi ġodda għar-residenti. Il-Kunsill iddeċieda li jekk fi ħmistax-il ġurnata ma jkunx hemm tweġiba, se jiġu diskussi passi oħra, inkluż il-possibbiltà li ssir laqgħa mal-awtoritajiet kompetenti sabiex titħaffef id-deċiżjoni u jiġu evalwati limplikazzjonijiet legali ta’ din it-talba. Il-Kunsilliera qablu unanimament li dan il-proċess għandu jitħaffef sabiex il-ġnien ikun jista' jerġa' jintuża mill-komunità lokali kemm jista' jkun malajr.

### 8.4.5 Gżira Sailing Club - Food Truck

Il-Kunsill irċieva talba mill-Gżira Sailing Club biex jinġab permiss għal food truck viċin Manoel Island, kif ukoll biex jiġi installat electricity meter għal sitt xhur. Wara diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li ma kellux oġġezzjonijiet.

### 8.4.6 Infrastruttura u Proġetti Oħra

- Fit-Triq ix-Xatt qed isir it-tarmak u qed isir monitoraġġ kontinwu tal-proċess.
- Il-Kunsill se jibgħat perit biex jikkonferma l-istat tal-bankini qabel tigi released ilbank guarantee.
- Il- Gvern qed jippjana li jniedi skemi ġodda relatati mal-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-infrastruttura nhar it-Tnejn.
- Talba biex issir loading & unloading sign fi Triq Frederick Ponsonby ma ġietx approvata minħabba raġunijiet ta' sigurtà tat-traffiku.

### 8.5. Baġit 2025

L-Accountant tal-Kunsill ippreżenta l-baġit għas-sena 2025, spjegat kif ġew allokati lfondi, u wieġeb mistoqsijiet tal-membri. Il-Baġit ġie approvat fuq proposta tal-Kunsillier Conrad Borg Manche, sekondata mill-Kunsilliera Joyce Bray.

### 8.6. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

### 8.6.1 Keep Fit fl-Iskola Primarja

Il-Kunsilliera Joyce Bray qalet li xi residenti esprimew ix-xewqa li jingħataw Keep Fit classes fl-iskola primarja. Il-Kunsill iddiskuta l-fattibbiltà u ser jiġi kkuntattjat il-kap taliskola biex jara jekk il-faċilitajiet humiex disponibbli.

### 8.6.2 Attivitajiet Pjanati għas-Sena 2025

Il-Kunsilliera Jessica Borg ippreżentat lista ta’ attivitajiet ippjanati:

- **Frar:** Regatta, ○ Karnival, ○ Redentur, ○ Purċissjoni bil-Banda
- **18 ta’ April:** Ġurnata Għawdex
- **15 ta' Mejju:** Jum il-Gżira
- **2nd Week of July** Festa Gzira
- **14th July** Xalata
- **16 ta' Awwissu:** Lejla Maltija
- **Settembru:** 3 ijiem fi Sqallija
- **Novembru:** Weekend Break 31th - 2nd
- **Diċembru:** Christmas Village

### 8.6.3 Il-Madum f'Triq Manoel De Vilhena

Il-Kunsillier Aaron Caruana qal li qed jirċievi diversi lmenti dwar il-madum f'din it-triq. Is-Sindku spjega li t-triq qed tiġi rranġata min-naħa tal-Public Works, u dan ix-xogħol ser jerġa’ jkompli fil-ġimgħat li ġejjin.

### 8.7. Skema SPI.SCI.08.2024 – Attivita tal Karnival

Il-Kunsill approva l-applikazzjoni għal attività għat-tfal fit-28 ta’ Frar 2025.

### 8.8 Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-iskeda 5/9 ġiet approvata fuq proposta tal-Kunsilliera Joyce Bray, sekondata millKunsillier Conrad Borg Manche.

### 8.9. Tmiem tal-Laqgħa

Il-laqgħa ntemmet fis-6:35 PM. Is-seduta li jmiss se ssir nhar it-19 ta' Frar, 2025 fl 4:30pm .

**IFFIRMATA:**

Neville Chetcuti

Sindku

Eżekuttiv

Mandy Farrugia

Segretarju